**Int omm**

Dejjem iddur magħhom
Tgħinhom u tħeġġiġhom,
Lilhom tagħti qalbek
Lesta biex tweżinhom.

Huma l-anġli t'Alla
Bihom jagħtina s-sliem,
Ifakkarna x'tana
Imħabba minghajr tmiem.

Iridna ta' Missier
Li lkoll ngħadduhielhom,
Din hi l-ħajja vera
Ħalli nkebbsuhielhom.

Għalik nibqa' nitlob
Ibqa' għinhom f'kull ħin,
Għax f'kull wieħed minnkom
Jinsab jgħix il-Bambin.

U tiegħek innifsek
Nitolbok tieħu ħsieb,
Irrikreja ruħek
Tkellem, oħroġ mal-ħbieb.

Int apprezzatha
Xogħlok fin, mitqlu deheb,
Jista' biss iħallsek
Alla f'daru tas-sebħ.

Kompli aħdem siekta
Ħlewwietek tħoll il-fomm,
Bl-imħabba madwarek
Insejjaħlek: "Int Omm".

Patri Mario Attard OFM Cap
15 ta' Jannar 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.